MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 32/2003

**Grazio Borg**

**Vs**

**Flower Land & Nursery Company Limited u kif ukoll Joseph u Pauline konjugi Azzopardi personalment**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta et ghall-hlas ta' dawk l-ammonti li ghandhom jigu likwidati minn dina l-Qorti rapprezentanti kwantu (a) ghall-arretrati ta' kera li ghadom dovuta mill-konvenuti in konnessjoni mal-lokazzjoni tal-fond kummercjali 6 Naxxar Road, San Gwann liema arretrati baqghu ma thallsux anke per kagun ta' diversi cheques mahruga personalment mill-konvenuti li pero baqghu ma gewx onorati u (b) ghall-kontijiet tad-dawl u ilma relattivi ghal

konsum fil-perjodu ta’ okkupazzjoni taghhom fuq l-imsemmi fond precitat;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta’ kompetenza, tassazzjoni u valutazzjoni jigi rilevat li l-ammont pretiz jeccedi s-somma ta’ elf u hames mitt lira pero ma ghandux jaqbez is-somma ta’ tliet elef u hames mitt lira.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 14 tal-atti kif ukoll iz-zewg affidavits sottomessi mill-attur a fol 16 u fol 18 tal-atti oltra id-dokument esebit illum stess mill-istess attur, u dan “seduta stante”.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta konvenuta et jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, is-socjeta konvenuta et naqsu u ma dehrux fit-18 ta' Gunju 2003 meta gew prezentati l-kapitoli fil-25 ta’ Gunju 2003 u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta et sabiex jhallsu lill-attur s-somma ta' Lm4141.68,0 bl-imghax legali mis-16 ta’Jannar 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------